MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Numru. 626/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Maria Antonia Borg bint Gregory Borg u Dolores nee' Gauci,**
**imwielda fis-16 ta' Settembru, 1958 u residenti 22, Triq San Pietru u San Pawl, Kercem, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 47858(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l' hawn fuq imsemmija Maria Antonia Borg li giet akkuzata talli nhar it-22 ta' Awwissu, 2009 ghall-habta ta' 12:30hrs waqt li kienet issuq Honda m/cycle FAG 523 fil-wesgha li hemm bejn Triq Xuxa, Kercem, Triq Wied il-Lunzjata u Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Ghawdex:

1) saqet m/cycle nru FAG 523 ghamla Honda b'majiera traskurata u perikoluza;
2) waqt li kienet issuq l-imsemmija vettura naqset li zzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Billi l-incident mertu tal-kaz ma sehhx b'tortijiet imputabbli lill-imputata izda minhabba f'kollizzjoni li sehhet ma' Guzeppi Grech li kien jahti ghal dana l-incident;

Il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------